# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum il-Gimgħa 3 ta' Novembru, 2023

**Rikors Ġuramentat Nru.: 764/21 MH**

**Numru : 1**

**Lorraine Falzon, Matthew Pace u Zenith Finance Limited**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-intimati tal-20 ta' Mejju**[1] permezz ta' liema talbu lill-Qorti sabiex tordna l-isfilz tad-dokumenti hemm elenkati stante li l-preżentazzjoni tagħhom hija inammissibbli skont il-liġi.

Ir-rikorrenti opponew din it-talba.

[1] Fol 89 et seq

Rat illi waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2023[2] b'referenza għall-USB li kienet tikkontjeni d-dokumenti mertu tar-rikors in eżami,, id-difensur tar-rikorrenti ppreżenta nota bi ħdax il-dokument immarkati minn Dok LF 1 sa Dok LF 11[3] u ddikjara li xejn aktar minn dik il-USB ma kien relevanti għall-fini tal-każ odjern u għalhekk m'għandhiex tittieħed aktar in konsiderazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 id-difensur tal-intimati ddikjarat li hija kienet qed tillimita t-talba għall-isfilz tad-dokumenti minn LF1 sa LF11[4].

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għall-provvediment.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Ħarsa lejn dawn id-dokumenti turi li effettivament huma l-istess dokumenti li r-rikorrenti talbu li jiġu prodotti mill-uffiċjali tal-FIAU Kenneth Farrugia u Elena Tabone fit-taħrika ta' xhieda tat-8 t'April 2022.

A skans ta' ripetizzjoni inutli ssir referenza għall-provvediment imsemmi tat-22 t'April 2022. A bażi tal-istess raġunament, ir-regolament 16 (1) tar-Regolamenti kontra l-Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu jeħtieġ jiġi nterpretat fil-kuntest ta' dak li jipprovdu d-dispożizzjonjiet relattivi b'rabta mal-protezzjoni

[2] Fol 584
[3] Fol 588 et seq
[4] Fol 837

tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

A bażi wkoll tal-istess konklużjonijiet raġġunti fid-digriet imsemmi, il-Qorti tqis li għandhom jiġu sfilzati d-dokumenti minn LF 1 sa LF 6  għax mhumhiex rilevanti għall-fini tal-kawża odjerna. Minn naħa l-oħra għandhom jibqgħu fl-atti tal-kawża għax huma rilevanti għall-mertu tal-każ id-dokumenti LF7 (li hija l-ittra tat-18 ta' Mejju 2018 bid-deċiżjoni tal-FIAU dwar l-impożizzjoni tal-multa amministrattiva), Dok LF8 (Avviż ta' Pubblikazzjoni tal-FIAU dwar l-istess multa ammninistrattiva), Dok LF 9 (Ittra datata 20 ta' Ġunju 2018 fejn l-FIAU talbet il-ħlas tal-multa), Dok LF 10 (Prova tal-ħlas ta-multa) u Dok LF 11 (Riżoluzzjoni ai termini tal-Liġi tal-Kumpaniji permezz ta' liema l-isem tas-soċjeta' MFSP Financial Management Ltd inbidel għal Zenith Finnace Ltd.

**Għal dawn il-motivi tilqa' limitatament kif appena ngħad ir-rikors tal-20 ta' Mejju 2022.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**